

Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en)

11013/23

INST 241
CMPT 18

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri
- Adozzjoni

1. Skont l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-lista tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri mfassla f'konformità mal-proposti magħmulin minn kull Stat Membru, għal mandat ta' sitt snin.
2. It-tiġdid parzjali attwali tal-Qorti tal-Awdituri jinvolvi membru li l-mandat tiegħu skada fis-6 ta' Mejju 2022¹.
3. Permezz ta' ittra tal-21 ta' Ġunju 2023, ir-Repubblika Slovakka pproponiet lis-Sa Katarína KASZASOVÁ għall-ħatra bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri².

¹ 6881/21.
² 11007/23.

4. Il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew fl-4 ta' Settembru 2023 dwar il-proposta għall-ħatra tas-Sa Katarína KASZASOVÁ bħala membru tal-Qorti tal-Awdituri.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar din il-ħatra fit-13 ta' Settembru 2023³.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 11012/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

³ L-opinjoni għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali. Din hija disponibbli fuq is-sit web tal-PE: https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0312_MT.html.